QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 6 TA' APRIL 2001

Avviz Nru 2361/98DM

Korporazzjoni EneMalta

Vs

Ivan Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall – kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin liri maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm578.38) rapprezentanti danni mill-konvenut ikkagunati f' 'High Tension cable' propjeta tal-korporazzjoni attrici u dana meta nhar 2 ta' Awissu 1996 waqt illi l-konvenut kien qieghed jesegwixxi xoghlijiet f'Ghar Barka – Rabat, liema hsarat gew ikkagunati minhabba traskuragni, negligenza u mprudenza da parti tal-konvenut, kif ukoll jhallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1998, tas-26 ta' Frar 1998, u tal-ittra bonarja tat-22 ta' Dicembru 1997, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ivan Borg fejn eccepixxa:

1 Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2 Illi minghajr pregudizzju ghall - premess fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3 Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tat-2 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Ma hemmx kontestazzjoni illi l-preskrizzjoni ta sentejn prevista mill-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 hija applikabbli ghal-kaz; lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar id-data ta 2 ta Awissu 1998 meta gew ikkawzati d-danni u lanqas dwar l-ittra ufficjali tal-4 ta Marzu 1998, ippresentata mill-atturi a tempo debito, fil-konfront tal-konvenut.

Il-konvenut isossnti li, ghalkemm mir-riferta relattiva jirrizulta li din l-ittra ufficjali kienet giet notifikata lilhu, huwa ma kienx jirrisjedi fil-fond fejn l-ittra giet notifikata u li l-firma rizultanti bhala dik tad-destinatarju ma kienetx tieghu.

Inoltre l-konvenut ppresenta fl-udjenza il-karta tal-identita' tieghu, fejn setgha jigi kkonstatat illi n-numru huwa differenti minn dak indikat fir-riferta dwar in-notifika tal-avviz fejn il-firma fuq dik il-'pink card' hija identika ghal firma fuq il-'pink card' relattiva ghall-imsemmija ittra ufficjali.  Fl-istess udjenza setgha jigi kkonstatat ukoll illi l-firma tal-konvenut hija differenti minn dik fuq l-istess 'pink cards'.

Izda jirrizulta minn-naha l-ohra li ghalkemm il-konvenut isosstni li l-ittra ufficjali qatt ma waslet a konjizzjoni tieghu, l-avviz gie mwassal ghandu mill-familjari tieghu li baqghu jabitaw fir-residenza precedenti tieghu.

Evidentement, il-prova li l-konvenut kien lahaq telaq mir-residenza registrata tieghu qabel is-7 ta Marzu 1998, id-data tan-notifika tal-ittra ufficjali rilevanti, u li l-imsemmija ittra ufficali ma wasletx ghandhu tispetta lilhu.

F'dan ir-rigward is-semplici allegazzjoni tieghu ma tirrizultax li hija sufficjenti biex twassal ghal tali prova, meta jirrizulta li huwa halla r-registrazzjoni tar-residenza tieghu fl-indirizz tan-notifika sa wara tali notifika, meta fir-residenza tan-notifika jabitaw il-genituri tieghu u huthu u l-avviz destinat lilhu fil-fatt ingieb minn hemm a konoxxenza tieghu.

Inoltre il-fatt li l-konvenut, li presumibilment kien inizjalment ipprovda huwa stess l-indirizz tan-notifiki, ippermetta li jibqa jidher dak l-indirizz bhala r-residenza registrata tieghu m'ghandux jippregudika lill-atturi.

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjoni ta preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Bl-ispejjes riservati a gudizzju finali, u tiddiferixxi l-kawza ghat-28 ta Gunju 2001 fid-9.30 a.m.

……………………………….
Mag. Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ 4